MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 226/2005

Kawza fil-lista: 30

## Christina Borg
## Vs
## Paul Tedesco

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-attrici silfet lill-konvenut, li accetta, s-somma ta’ hmistax-il elf lira u dan permezz ta’ tlett cheques ta’ hamest elef lira l-wiehed kollha datati l-1 ta’ Ottubru, 2004 (Dok A, B, C).

Peress illi z-zmien meta l-konvenut kellu jirrestitwixxi l-imsemmija flus lill-attrici skada.

Peress illi nonostante l-fatt illi gie interpellat mill-attrici sabiex jirrestitwixxi l-imsemmija flus, il-konvenut naqas.

Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghaliex, ghar-ragunijiet premessi u dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili u in vista ta’ l-affidavit ta’ Christina Borg (Dok D), m’ghandux minn din il-Qorti:-

1. Jigi kkunndannat ihallas lill-attrici l-imsemmija somma ta’ hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000).

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-25 ta’ Novembru 2004 kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt in subizzjoni u b’reserva ghall kull azzjoni spettanti lill-attrici nkluz ghal proceduri kriminali billi hi ssostni illi l-konvenut induciha sselfu l-imsemmija flus b’mod illegali.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda min din il-Qorti stante illi filwaqt illi huwa minnu illi l-attrici silfet is-somma indikata fic-citazzjoni lill-konvenut madanakollu l-ftehim bejn il-partijiet kien illi dawn ghandhom jithallsu lura lill-attrici meta l-konvenut jircievi l-flus tieghu li jinsabu barra l-pajjiz u sal-gurnata illi nfethet il-kawza dawn il-flus ghandhom ma waslux u ghalhekk il-hlas mhuwiex dovut.

Illi l-kawza odjerna hija ghalhekk ukoll intempestiva u, minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-eccipjent ukoll ma ghandux jehel l-ispejjez ta’ din il-kawza.

Rat id-dikjarazzjonijet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi mill-provi rrizulta sodisfacentement provat li f’ Ottubru tas-sena 2004 l-attrici kienet tat lill-konvenut b’ titolu ta’

self tlett cheques datati 1 ta' Ottubru 2004 fl-ammont ta' Lm5,000 kull wiehed. Il-konvenut sarraf dawn it-tlett l-assenji l-ghadha. B' kollox ghalhekk l-attrici kienet selfet lill-konvenut is-somma komplessiva ta' Lm15,000.

Illi dan is-self da parti ta' l-attrici kien sar bil-kondizzjoni esplicita li l-flus jigu restitwita lilha mill-konvenut fil-25 ta' Novembru ta' l-istess sena; izda nonostante li ghadda z-zmien miftiehem, sallum il-konvenut ghadu ma rrestitwixxa xejn lill-attrici.

Illi fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut eccepixxa l-intempestivita' ta' l-azzjoni u, filwaqt li ammetta li kien issellef dak l-ammont minnghand l-attrici, huwa sostna li l-ftehim kien fis-sens li l-flus kellu jroddhom lura lill-attrici meta huwa jrcevi l-flus tieghu minn barra, u fid-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti afferma li huwa ghandu dokumenti x' juri in sostenn tal-fatt allegat minnu li hu kellu jircevi l-flus mill Amerika. Izda nonostante din l-allegazzjoni, u nonostante li fl-imsemmija depozizzjoni tieghu l-konvenut kien ipprometta li jesebixxi dawn id-dokumenti, il-huwa baqa' inadempjenti f' dan ir-rigward ukoll, anzi naqas li jidher fiz-zewg udjenzi sussegwenti.

Il-Qorti tosserva li l-konvenut naqas li jissostanzja l-allegazzjoni tieghu bi provi adegwati, filwaqt li t-tesi attrici fis-sens li l-flus kellhom jigu ritornati lilha fil-25 ta' Novembru 2004, minghajr kondizzjonijiet ulterjuri, hija aktar attendibbli fic-cirkostanzi.

Ghaldaqstant it-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, previa rigett ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-istess konvenut jhallas lill-attrici s-somma ta' hmistax-il elf lira maltin [Lm15,000] bl-imghax legali mill-4 ta' Marzu 2005, u bl-ispejjez kollha a kariku ta' l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------